ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 3

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2023

IT-TMIEN SENA IL-MALTI L-ISKEMA TAL- MARKI

			Il-Marka
	Il-Fehim mis-Smigħ: Pajjiżna jżid fil-popolazzjoni (ma jitnaqqsux marki għal żbalji ortografiċi)		**10 marki**
	Taħriġ A		
a.	Li jiżdied in-numru ta' rġiel / il-medja tal-età tinżel 'l isfel (tonqos).		**2 marki**
b.	il-Mosta		**marka**
ċ.	Peress li ħafna ma baqgħux joqogħdu l-Belt minħabba l-attakki mill-ajru fl-inħawi tal-Port u dawn wara l-gwerra ma reġgħux lura.		**marka**
d.	Minħabba li kwart tar-residenti huma anzjani *jew* il-kirjiet u x-xiri tal-bini huma għoljin ħafna.		**marka**
	Taħriġ B		
a.	1842: **l-ewwel darba li sar ċensiment f'pajjiżna**		**marka**
b.	**519,562** (il-popolazzjoni tal-Gżejjer Maltin)		**marka**
ċ.	52%: **il-perċentwal ta' rġiel (li joqogħdu) fil-Gżejjer Maltin**		**marka**
d.	**15,617** (abitanti f'Tas-Sliema għal kull kilometru kwadru)		**marka**
e.	5,157: **il-popolazzjoni tal-Belt Valletta fis-sena taċ-ċensiment (2021)**		**marka**
	Taqsima A. Il-Fehim mill-Qari		**20 marka**
1.	l-Iżvezja		**marka**
2.	*Waħda minn:*	Kienu jogħġbuh l-antikitajiet / Xtaq ikun jaf kif ikun ħanut tal-antikitajiet.	**marka**
3.	Il-panewijiet imqabbża 'l barra / Żewġ ħabbatiet goffi f'forma ta' sirena		**marka**
4.	*Waħda minn:*	Ħass ix-xemx tixroblu għajnejh (kienet qawwija ħafna) / ħa r-ruħ kif ħass l-arja friska li kien hemm fil-ħanut.	**marka**
5.	Dokument jew lista li fih jinżamm rekord ta' kull oġġett li kien hemm fil-ħanut / Biex sid il-ħanut ikun jaf x'oġġetti għandu fil-ħanut. *(Aċċetta tweġibiet oħra li jagħmlu sens).*		**marka** **marka**
6.	miet qasir il-għomor		**marka**
7.	Biex il-palazz ma jkomplix ifakkarhom fih (biex jgħixu 'l bogħod mill-memorji li kienu jsewdulhom qalbhom).		**marka**
8.	Ingħaqad ma' grupp ta' baħħara / sar baħħar / beda jbaħħar lejn diversi pajjiżi.		**marka**

9.	Għax iltaqa’ ma’ tfajla minn Malta u żżewwiġha.	**marka**
10.	Iz-ziju kellu għajnejh idemmgħu / beda jibki.	**marka**
11.	**a.** tajtu tweġiba mill-ewwel / obdejtu mill-ewwel **b.** jidher ħafna, jispikka, jiġbidlek l-attenzjoni **ċ.** sinjura ħafna / kellha ħafna flus	**marka** **marka** **marka**
12.	**a.** kelli seba’ mitt sena **b.** joqogħdu jittantaw ix-xemx għaddejja **ċ.** ħadt ir-ruħ	**marka** **marka** **marka**

	MARKI GĦALL-ORTOGRAFIJA / PUNTEĠĠJATURA		
	It-tweġibiet kollha fihom **aktar minn 3 żbalji** tal-ortografija u tal-punteġġjatura.	**0**	**2 marki**
	It-tweġibiet kollha ma fihomx **aktar minn 2 żbalji** tal-ortografija u tal-punteġġjatura.	**1**	
	It-tweġibiet kollha **m’għandhomx żbalji** tal-ortografija u tal-punteġġjatura.	**2**	

	Il-Metalingwa (F’din it-taqsima, jekk f’xi tweġiba l-istudenti jkollhom żball ortografiku, ma jeħdux il-marka allokata.)	**10 marki**
1.	taħt / ħdejn ipprefera sas- / għas- / fis- x’se jsir	**marka** **marka** **marka** **marka**
	a. Tgħidx x’**<u>qata’</u>** ħa kif resqet wirdiena ħdejn saqajh! / **qatgħa**	**3 marki** (tingħata nofs marka għal kull żball indikat u nofs marka oħra għall-kelma miktuba tajba)
	b. Sħabu ma **<u>riedux</u>** imorru jilagħbu miegħu. / **ridux**	
	ċ. Huma **<u>jipreferu</u>** jmorru jgħumu milli joqogħdu jiġru bir-rota. / **jippreferu**	
3.	“**X**i ġmiel ta’ ġiżirana għandek**!** Minn fejn xtrajtha u kemm tiswa?” **“**Dik xrajtha mingħand il-ħanut li jismu ‘**P**erli’ ta’ quddiem l-iskola. Swietni 100 ewro.**”** “Kemm hi għolja**!** Ma kellux xi waħda orħos**?**”	**3 marki** (tingħata nofs marka għal kull sinjal tal-punteġġjatura)
	Taqsima B: Il-Kitba (Ara t-tabella tal-assessjar f’paġna 4)	**25 marka**
	Taqsima Ċ: IL-Letteratura	**20 marka**
	IL-POEŻIJA	**10 marki**
1.	Saffika Kull strofa (kwartina) tiġbor fiha 3 versi tal-11 (endekasillabi) u ieħor tal-5 (kwinarju).	**marka** **marka**
2.	(fil-jiem) xemxija tax-xhur twal xitwija (v. 2) *jew* minn dar id-dieqa (v. 12) Il-poeta jixtieq iwassal il-messaġġ tiegħu billi juża l-istess konsonanti fl-istess vers biex il-qarrej jintlaqat minnhom peress li jġorru l-istess ħoss.	**marka** **marka**
3.	ix-xita tfaqqa’ *(vers 20)*	**marka**

4.	***Tnejn** minn:* it-toqol tal-imgħoddi kollu diqa (v. 10) / dar id-diqa (v. 12) / l-eżilju f'nofs l-infern ta' ħajti (v. 23)	**2 marki**
5.	Sa mill-ewwel versi tal-poeżija tinħass l-imħabba kbira li kellu l-poeta għall-bajja tar-Ramla. Hekk fl-ewwel vers permezz ta' **indirizz poetiku (apostrofu dirett)** mal-ewwel jindika din r-rabta kbira li kellu magħha tant li jqisha tiegħu. Fl-istess strofa hu jħossu jistrieħ meta jħoss ir-ramel tagħha ma' wiċċu daqslikieku kienet il-maħbuba tiegħu. Jirrepeti li l-bajja ma kellux ħliefha ("daqsek lil ħadd") għax hi biss tnessih l-imgħoddi u fl-istess ħin isib is-serħan fiha. Il-poeta jinqeda wkoll bil-**personifikazzjoni** billi jqis lill-bajja bħala persuna li f'dirgħajha tieħdu u tħallih magħha. Fi tmiem il-poeżija l-poeta jistqarr imħabbtu lejn il-bajja għax lilha biss baqagħlu biex twennsu u tfarrġu. *Aċċetta tweġibiet oħra basta jkunu bis-sens u bbażati fuq il-poeżija. Il-marki għandhom jingħataw skont l-ideat miktuba speċjalment meta jissemmew il-figuri tad-diskors li huma miktuba bil-grassett.*	**3 marki**
	Il-PROŻA	**10 marki**
1.	Similitudni / "Paniku qisu daqq air-raid"	**2 marki**
2.	"Sentejn u nofs wara nilmħu l-baħar minn bejn il-bini" (linja 3) *jew* "wara deċennju nsibu parkeġġ vojt" (linja 4) L-awtur qiegħed jesaġera biex juri kemm żdied il-bini f'Malta speċjalment fl-għoli tiegħu, kif ukoll il-problema tal-parkeġġ ħdejn il-bajjiet. *(Aċċetta tweġibiet oħra li jagħmlu sens.)*	**marka** **marka**
3.	Għax la krew umbrella u lanqas dekċer mingħandhom u għalhekk ma qalgħu xejn mingħandhom.	**marka**
4.	"x-xemx titbissmilna" (linja 12): ix-xemx tidher kuntenta għax taqsam is-sħana tagħha ma' kulħadd / tara lil kulħadd kuntent u ferħan.	**2 marki**
5.	L-awtur qed juża l-espressjoni "kuljum sejrin il-baħar" u fl-aħħar jikteb li "sejrin il-baħar is-sena kollha" mhux f'sens litterali, iżda fis-sens li ta' kuljum il-problemi marbuta mal-ambjent u t-traffiku f'pajjiżna qed jiżdiedu. Dawn jidhru li se jkunu problemi rikorrenti. Infatti l-awtur kiteb ukoll li ma jafx sa meta se jibqgħu sejrin il-baħar. Iżda minkejja dawn il-problemi, għada xorta beħsiebu jerġa' jmur il-baħar għax donnu l-problemi li sab ma jistax jaħrab minnhom u allura jkollu jgħix magħhom. *(Aċċetta tweġibiet varji li jagħmlu sens u qassam il-marki skont l-ideat.)*	**3 marki**

It-Tqassim tal-Marki għall-Kitba (25 marka)

IL-ĠENERU (2 marki)			
It-tqassim skont kif jitlob il-ġeneru	**0**	**1**	**2**
	Bla tqassim	Ftit tqassim	It-tqassim kollu mistenni
IL-KONTENUT (13-il marka)			
L-iżvilupp tal-ideat	**0-1**	**2-3**	**4-5**
	Ftit ideat u ripetuti bi ftit rabta mat-tema	Għadd ta' ideat b'xi ripetizzjonijiet u marbuta mat-tema mhux dejjem u għalkollox	Ħafna ideat ċari u sodi li jirriflettu s-suġġett minn angoli differenti
Is-sekwenza/koerenza u rabta bejn il-partijiet	**0**	**1**	**2**
	Kitba bla ebda rabta bejn il-partijiet; b'sekwenza ħażina jew ma teżistix	Ftit rabta minkejja li xi drabi ma tkunx ċara jew diretta u mhux dejjem ikun hemm sekwenza ċara	Il-kitba ssegwi minn parti għall-oħra b'mod naturali u b'sekwenza tajba
L-istil	**0**	**1**	
	Bla ebda stil u ma tidhirx li hija kitba	Hemm stil mexxej u li ssegwi tajjeb	
L-espressjoni u l-lessiku	**0**	**1-2**	**3**
	Kitba li ma fihiex espressjonijiet u b'lessiku nieqes	Għadd ta' espressjonijiet u firxa ta' lessiku limitat marbut mat-tema	Kitba mimlija espressjonijiet mexxejja u b'lessiku wiesa'
L-eċċellenza fil-kitba	**0**	**1**	**2**
	Kitba mhux ta' kwalità u oriġinalità	Kitba li tersaq lejn kwalità tajba u l-oriġinalità	Kitba ta' kwalità u oriġinali
IL-METALINGWA (10 marki)			
Il-punteġġjatura	**0**	**1**	**2**
	Bla sinjali bażiċi tal-punteġġjatura	Għadd ta' sinjali bażiċi nieqsa jew użati ħażin	Il-punteġġjatura bażika hija użata tajjeb minkejja xi nuqqasijiet żgħar
Is-sintassi	**0**	**1**	**2**
	Is-sentenzi sempliċi huma nieqsa mill-elementi bażiċi	Użu mħallat tal-binjiet kollha differenti ta' sentenzi bi ftit li xejn żbalji	Użu mħallat tal-binjiet kollha differenti ta' sentenzi bla żbalji
L-ortografija	**0-1**	**2-3**	**4**
	Kitba li fiha bejn 9-12-il żball differenti	Kitba li ma fihiex aktar minn 4-8 żbalji differenti	Kitba li ma fihiex aktar minn 3 żbalji differenti
Il-morfoloġija	**0**	**1**	**2**
	Kitba li fiha ħafna żbalji grammatikali	Kitba li fiha ftit li xejn żbalji grammatikali	Kitba li ma fihiex żbalji grammatikali